MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 190/2006/1

**Avviz Numru: 190/2006**

**Philip Grima ID 141260(M) u Mario Micallef ID 249267(M)**

**vs**

**Michael Borg ID 525059 (M) u martu Victoria Borg ID 1712961 (M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fis-17 ta' Jannar 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

*"Il-Qorti,*

*Rat ir-rikors in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu 'l ghaliex ma ghandhomx jkunu kundannati li jhallsu*

*s-somma ta' elf, sitt mija u tlieta u tletin lira u sebgha u sebghin centezmu (Lm1,633.77) rapprezentanti in kwantu ghal Lm1,273.77 bilanc minn somma akbar prezz ta' konkos u xoghol ta' tqeghid ta' konkos fuq inkarigu tal-konvenut, in kwantu ghal Lm240.00 xoghol bil-gurnata (erbat ijiem, tnejn minn nies), in kwantu ghal Lm48.00 tlett ijiem kiri ta' jigger, u in kwantu ghal Lm72.00 erba' jardi konkos bi Lm18-il jarda.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-25 ta' Mejju 2006 u tal-mandat ta' sekwestru u ittra uffijcali pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.*

*Rat ir-risposta tal-konvenuti (fol 18 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-*

*1. Illi t-talba tal-atturi rikorrenti ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess atturi stante illi hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-eccipjenti gia hallsu lill-atturi rikorrenti ghax-xoghol imwettaq minnhom, u ma fadlilhom ebda pendenzi maghhom, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*2. Illi l-eccipjenti hallsu lill-atturi rikorrenti a bazi tal-kejl li ha l-Perit Arkitett u r-rati stabbiliti u miftiehma bejn l-istess partijiet u ghalhekk ma fadal ebda bilanc x'jithallas mill-eccipjenti lill-atturi rikorrenti.*

*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.*

*Semghet it-trattazzjoni.*

*Ikkunsidrat*

*Illi l-attur, Philip Grima, (fol 21 et seq ibid) spjega illi l-konvenut kien inkariga lilu u lill-attur l-iehor sabiex jaghmlu xoghol ta' 'sheeting' u konkos fil-Mellieha liema xoghol kollu tlesta. L-istess konvenuti, in konnessjoni ma dan ix-xoghol, kienu nkarigaw, ukoll, lill-Perit Saviour Micallef li oltre li kien presenti qabel it-tqeghid tal-konkos, kien rega' gie sabiex ikejjel l-istess xoghol u kien hareg zewg*

*kontijiet. In rigward l-ewwel kont esebit a fol 25 u fol 26, ammontanti ghal Lm1,171.47 u a bazi tal-kejl hemm specifikat u relattiv ghax-xoghol esegwit kif hemm deskritt, kien jirreferi ghal saqaf wiehed. In rigward it-tieni kont (ara fol 24 u fol 25 ibid) ammontanti ghal Lm1, 763.93, dan kien jirreferi ghal saqaf iehor peress li l-atturi kienu ghamlu xoghol ta' zewg soqfa. L-istess Perit kien gie fuq il-post '… ikejjel ghal darbtejn'. Hawnhekk l-attur jsostni li kien hemm spejjes ohra, kif spjegat fl-istess xhieda u msemmija fir-rikors in esami liema spejjes pero` ma humiex imnizzlin fiz-zewg kontijiet ghax l-istess Perit ma kienx gie informat bihom. Dwar pagamenti, kienu saru tnejn, wiehed ta' Lm990 u iehor '… xi haga fuq l-Lm1000' ossija Lm1200. L-attur esebixxa l-korrispondenza dwar din il-vertenza (fol 27, 28 u fol 29 ibid). Ghandha tigi notata illi mill-istess ittra a fol 28 mibghuta in risposta mill-konvenut, jidher li hu ammess illi hemm bilanc dovut favur l-atturi izda hemm kontestazzjoni dwar l-ammont.*

*Illi l-imsemmi Perit Saviour Micallef (fol 32 et seq ibid) kkonferma li kien gie inkarigat dwar ix-xoghol in esami mill-istess konvenuti. Hu spjega illi l-maggor parti tax-xoghol ta' kostruzzjoni kien sar mill-istess konvenut. Waqt li l-atturi kienu ghamlu biss ix-xoghol imkejjel minnu u mnizzel fiz-zewg kontijiet imsemmija, l-ewwel wiehed in konnessjoni ma rampa fil-'basement' u iehor in rigward xoghol ta' saqaf. Hu spjega illi 'Waqt ix-xoghol jiena wkoll kont naghmel supervisjoni u kont nghidilhom x'ghandhom jaghmlu'. Inoltre waqt li kien qed jitkejjel l-istess xoghol, kien hemm presenti, f'okkazjoni wahda, wiehed mill-konvenuti u, f'ohra, t-tnejn flimkien. Il-Perit specifika illi l-kontestazzjoni bejn il-partijiet kienet tirreferi ghat-tieni kont (a fol 24 ibid) ghax kien gie allegat illi '.. Principalment ix-xoghol kien sar mill-konvenut'. Sussegwentement hu ta' deskrizzjoni aktar dettaljata dwar dan il-punt ossija a) armar tat-tarag li sar mill-konvenut u ghalhekk gie imkejjel minnu minghajr ma gie inkluz l-armar; b) 'dizgwid' in rigward l-armar tas-saqaf ta' seba' (7) pulzieri fejn kull parti sostniet li kien sar minnha u ghalhekk, hu, x-xhud, kien naqqas l-ammont ta' Lm5.50 il-qasba izda, fil-fehma tieghu ghandu jitnaqqas ulterjorment, ghal xi raguni l-ammont ta' Lm17; c) l-ingaljar ta' tarag ossija rampa f'hajt*

*maghmul minn 'bricks' mimlijin bil-konkos, liema tarag ossija rampa kienet madwar tmienja u sittin pied u skont il-Perit stess '… dan kien jinvolvi aktar xoghol minn normal'. Dan ma kienx gie inkluz fil-kont ghax hadd ma kien informah dwar dan ix-xoghol izda qal ukoll illi 'meta kont fuq il-post rajt li kien sar ingaljar'. Dwar dan ix-xoghol mhux inkluz fil-kont, hu kkalkola li l-kontenut relattiv jinhadem bir-rata ta' Lm1 (Lira Maltija) kull pied miexi ossija Lm120 jekk 'dan kemm il-darba sar minnhom' (mill-atturi). Dwar ir-rati fl-istess kont a fol 24 ibid ossija dejjem it-tieni wiehed, dawn kien tahomlu l-istess attur, Mario Micallef izda dwar l-istess rati, ma jidhirx li kien hemm kontestazzjoni. Fl-ahhar nett, dwar il-prezz tal-konkors li intuza ossija tat-tip C 30, dan jkollu prezz aktar gholi u kwalita` aktar tajba.*

*Illi a fol 38 et seq ibid tinsab ix-xhieda ta' Lawrence Micallef, in-neputi ta' Mario Micallef, wiehed mill-atturi u dan spjega kif hu u zijuh kienu ghamlu wahedhom ix-xoghol ta' ingaljar imsemmi, liema xoghol damu madwar erbat (4) ijiem u ntuzaw kienu 'jigger' kemm 'chaser' peress li l-hajt kien mimli bil-konkos u b'hekk 'x-xoghol idum aktar' ghax 'aktar iebes'. Fil-post, kien gieli jigi l-konvenut izda dan '.. ma ghenna xejn'. Inoltre l-istess xhud kien firex ix-xibka tal-konkos u '… forsi l-konvenut firex ix-xibka (ara ukoll ix-xhieda tal-attur Mario Micallef a fol 40 et seq ibid li esebixxa iz-zewg ircevuti dwar iz-zewg pagamenti li saru).*

*Ikkunsidrat*

*Illi l-konvenut, Michael Borg (a fol 46 et seq ibid) spjega li hu kien ghamel il-ftehim in esami mal-konvenut Mario Micallef u l-ewwel xoghol li kellu jsir minn dan l-attur kienet ir-rampa tal-garaxx konsistenti f'ingaljar u kostruzzjoni tal-istess rampa. Dwar din il-parti tax-xoghol, li involviet, ukoll, it-tpoggija ta' katusi, ix-xhud spjega li kien ghen fix-xoghol 'xi ftit' u kien silef lill-atturi 'bicca (xibka) minn tieghu ghax … 'ma semilhomx ix-xibka li gabu'. Sussegwentement, hu rrefera ghat-tieni stadju tal-appalt ossija l-kontinwazzjoni tal-ewwel sular, (ara l-pjanta a fol 51 ibid), u f'dan l-istadju Mario Micallef kien*

*issugerixxa li jingieb Perit Arkitett fuq il-post sabiex titkejjel ir-rampa ghall-iskop ta' hlas u waqt li qed jigi kalkolat dan il-kont, Mario Micallef kien talab l-ghajnuna tieghu fix-xoghol fl-ewwel sular billi hu, il-konvenut, zarma t-turgien. Ghalhekk hawnhekk l-atturi kellhom jithallsu, biss, tal-materjal provdut sabiex jsiru dawn it-turgien. Difatti permezz ta' tliet (3) pjanti a fol 49 sa fol 51, il-konvenut spjega liema xoghol kien sar minnu u dak li gie esegwit mill-atturi kif hemm specifikat fuq il-lemin ta' kull pjanta taht il-kelma 'legend'. Inoltre hu kien hallas is-somma ta' Lm1200 in vista li kienet saret theddida minn Mario Micallef bejn l-ewwel u t-tieni fazi tax-xoghol, fis-sens illi f'kaz ta' nuqqas ta' hlas, l-attur imsemmi ma kienx ser jkompli jesegwixxi x-xoghol. Dan il-hlas kien sar.. Inoltre meta l-atturi kienu qeghdin jesegwixxu xoghol iehor f'post appartenenti lil terza persuna, hu kien ghamel pagament ulterjuri ta' Lm990 waqt li radd lura lill-atturi. Sussegwentement kien ircieva l-kont relattiv f'zewgt istadji bl-ewwel kont, b'referenza ghar-rampa imsemmija, ma jigix kontestat minnu (ara fol 26 ibid) waqt li kien ikkontesta t-tieni kont (fol 24 ibid) kif jidher mid-dokument a fol 52 skont kif delineat bl-orangjo mill-istess konvenut. Dar dan, ix-xhud kien ser jkompli jaghti x-xhieda tieghu sabiex '…naghti spjegazzjoni ulterjuri dwar il-kontestazzjoni izda dan ma kienx sar'. Minflok il-konvenuti pproducew lil hu l-istess Mario Micallef (fol 55 u fol 56 ibid) li, avolja jahdem bhala gardinar kien ghen lill-istess huh jibni post fil-Mellieha. Skont hu, l-atturi in rigward l-istess xoghol, ma kienu ghamlu xejn hlief '... li taw konkos fl-istess bini' u '...m'ghamlu l-ebda xoghol iehor'. Inoltre l-materjal kollu kien inxtara mill-istess huh. B'mod specjali, hu semma' illi l-atturi kienu bnew rampa inkluz l-ingaljar relattiv kif ukoll taw il-konkons f'saqaf/bejt in parte' stante li dan ix-xoghol tal-ahhar ma kienx gie kompletat minnhom peress li l-atturi kienu '.. .bdew jillitikaw bejniethom'.*

*Ikkunsidrat*

*Illi jidher car illi, bejn il-partijiet hemm konflitt mhux in rigward l-ewwel kont izda in rigward it-tieni wiehed. Dwar dan il-konflitt ossija kontestazzjoni ma jidhirx li hemm*

*involuti r-rati li a bazi taghhom kienu saru l-istess kontijiet mill-Perit Arkitett Saviour Micallef.*

*Illi sabiex waslet ghad-decisjoni taghha l-Qorti striehet fuq ix-xhieda ta' dan il-Perit li fil-fehma tal-istess Qorti xehed b'mod affidabbli. Ta' minn jinnota wkoll illi l-istess Perit Arkitett kien gie inkarigat mill-istess konvenuti.*

*Illi, dan premess, mill-istess xhieda irrisulta illi din il-kawza hi bazata pricipalment, fuq il-kontijiet mahrugin mill-istess Perit Arkitett wara li kien stqarr fix-xhieda tieghu illi l-konvenut kien ghamel l-maggor parti ta' xoghol ta' kostruzzjoni. Difatti l-Perit kien hareg iz-zewg kontjiiet li sostanzjalment, wara li hu kejjel ix-xoghol li effettivament, kien sar mill-atturi, u hareg iz-zewg kontijiet. Jigi rilevat illi meta kien qed jsir il-kejl wiehed jista' jghid illi kien jkun hemm presenti l-konvenuti jew xi hadd minnhom. Dan premess, il-Qorti, wara li kkonsidrat dak li xehed l-istess Perit in rigward kif wasal ghal kontijiet finali wara li naqqas dak kollu msemmi fix-xhieda tieghu, u dak kollu li ma giex inkluz fit-tieni kont kif hemm fuq sintetizzat, ma tistax tifhem dak li gie eccepit mill-konvenuti kif risultanti a fol 18 tal-atti u ghalhekk jidher evidenti li l-ammont ta' Lm1,273.77 hu dovut. Dwar dak kollu premess, wiehed, ukoll ghandu jzomm quddiem ghajnejh dak li jinsab dikjarat fl-ittra esebita a fol 28 ibid mibghuta lill-atturi minfejn jidher li "… verament (wara li saru l-imsemmija pagamenti) fadal x'jithallas' u ghalhekk ' .. qed jigi propost biex ix-xoghol jithallas skont il-ftehim originali'.*

*Ikkunsidrat*

*Illi, ulterjorment, l-atturi qed jitholbu hlas in konnessjoni ma:-*

*a) erbat ijiem xoghol minn tnejn minn nies ammontanti ghal Lm240. Certament ix-xoghol li fil-fatt gie esegwit mill-atturi kien jinvolvi dan il-perjodu u 'arbitrio boni viri' l-ammont mitlub jidher gustifikat.*

*b) Dwar il-kiri ta' 'jigger' u erba' jardi ta' konkos, il-Qorti hi tal-fehma li l-ammonti relattivi ma gewx pruvati in vista li in*

*rigward il-'jigger' ma ingieb l-ebda dokument in sostenn ta' dan b'mod specjali xi rcevuta fiskali waqt li, in rigward il-konkos, ma tistax tifhem kif dan ma kienx gie, digja inkluz, fil-kontijiet mahrugin mill-istess Perit Arkitett.*

*Ikkunsidrat*

*Illi, ghalhekk, il-Qorti hi disposta li takkolji t-talba attrici 'in parte' fl-ammont ta' Lm1,513.77 ossija €3,526.14.*

*Ghal dawn il-motivi, il-Qorti waqt li tichad l-eccezzjonijiet kif proposti mill-konvenuti, tilqa' it-talba attrici ' in parte' u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-attrici s-somma ta' Lm1,513.77 ossija €3,526.14 bl-imghax legali mit-30 ta' Gunju 2006 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes kollha nkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-25 ta' Mejju 2006 kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali u mandat ta' sekwestru tat-30 ta' Gunju 2006, dawn ghandhom jithallsu kwantu ghal wiehed minn sebgha (1/7) mill-atturi u kwantu ghal sitta minn sebgha (6/7) mill-konvenuti.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Michael Borg ID 525059 (M) u martu Victoria Borg ID 1712961 (M) datat 7 ta' Frar 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u ghalhekk tirrevoka u thassar is-sentenza appellata billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u fin-nuqqas tirriforma s-sentenza ghal dak l-ammont gust li din il-Qorti ghandha tasal ghalih l-Ewwel Qorti u dan wara li tiehu l-konsiderazzjonijiet kollha tal-fatti kif jirrizultaw. Bl-ispejjez.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' April 2011.

Rat ir-risposta ta' Philip Grima et datata 28 ta' Frar 2011 a fol 7 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta' April 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie

differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-30 ta’ Novembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 17 ta’ Jannar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji tal-appellanti huma (a) sar apprezzament hazin tal-provi peress li ma giex ikkonsidrat ix-xoghol li ghamlu l-konvenuti stess dwar l-ewwel kont fuq ir-rampa, u fuq it-tieni kont dwar l-ghoti tas-saqaf tal-konkos kien inkluz l-armar tas-saqaf li sar ukoll mill-konvenuti, u dan apparti l-fatt li xoghol fuq is-saqaf tlesta mill-konvenuti ghaliex l-atturi kienu ggieldu fuq il-lant tax-xoghol u hallew lill-konvenut ikompli; qed jigi pretiz xoghol ta’ ingaljar u bil-jigger meta l-atturi kienu ghamlu biss xoghol ta’ konkos u dan skond ix-xhieda tal-Perit Micallef imqabbad mill-konvenuti stess u allura l-ammont ta’ Lm240 li lanqas huma ndikati fit-tieni kont ma kellhu jigi nkluz bhala dovut mill-Ewwel Qorti; tenut kont li l-kontijiet tal-Perit jammontaw ghall Lm2,935.40, u sar hlas ta’ Lm2,190, mela l-ammont li jibqa’ kien ta’ Lm745.40 jew €1,736; (b) li fl-avviz ma gie mitlub ebda imghax u ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kellux takkorda ebda imghax; (c) dwar l-ispejjez peress li l-kontestazzjoni kienet li gja sari l-hlas u li kien hemm kontestazzjoni gusta dwar il-kontijiet mela l-kap tal-ispejjez kellu jkun ta’ terz ghall konvenut u zewg terzi ghall-atturi.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-atturi gew inkarigati mill-konvenut sabiex jaghmlu xoghol ta’ sheeting u konkos ta’ zewgt soqfa u li fuqhu hargu zewgt kontijiet wiehed ta’ Lm1,171.47 (fol. 26) u l-iehor ta’ Lm1, 763.93 (fol. 24) ghall total ta’ Lm2,935.40 li fuqhu hemm VAT ta’ Lm528.37 ghall total ta’ Lm3,463.77 u barra minn dan

talbu wkoll Lm240 ghal xoghol bil-gurnata ta' 4 t'ijiem ghal tnejn minn nies, Lm48 ghall kiri ta' jigger ghal tlett ijiem, kif ukoll Lm72 ghall-4 jardi konkos, b'kollox ammontanti ghall-Lm3,823.77, li minnhom l-konvenuti hallsu l-ammonti ta' Lm1,200 u Lm990 (b'kollox Lm2,190) li jhalli bilanc ta' Lm1,633.77 (ittra datata 16 ta' Gunju 2006 – fol. 29).

Illi kif gie deciz fis-sentenza **"Maria Calleja et vs Carmel Bonanno"** (A.I.C. (RCP) – 27 ta' Ottubru 2010) ma hemmx dubju li meta appell huwa merament fuq punt ta' fatt u mhux punt ta' dritt u f'dan il-kuntest hija prassi stabbilita ta' din il-Qorti ta' revizjoni li ma tiddisturba qatt leggerment dik l-evalwazzjoni li tkun ezercitata mill-Ewwel Qorti dwar provi ta' fatt li jkunu gew prodotti quddiemha, hlief f'kazijiet li jistghu jigu kkunsidrati bhala eccezzjonali fejn jirrizulta li jkun sar zball tali li abbazi tal-istess provi prodotti quddiem l-istess Qorti ta' prim istanza ma setghax jew manifestament ma kellhiex tasal ragonevolment ghal tali konkluzjoni li tkun effettivament waslet ghaliha, b'dan allura li l-istess decizjoni tkun vizzjata bi zball jew nuqqas ta' konsiderazzjoni ta' elementi vitali fil-provi **("Pierre Biorg et vs Blye Engineering Co. Ltd"** (A.I.C (JF) – 30 ta' Settembru 2002); **"Paul Formosa vs Salvu Debono"** - A.C. – 5 ta' Ottubru 2001); **"Brigitte Vella pro. et noe. vs Richard Vella"** A.C. – 5 ta' Ottubru 2001); u **"Laura Seguna et vs Francis Mallia et"** (A.C. – 27 ta' April 2001); u **"Maria Xeureb et vs Clement Gauci"** (A.C. – 24 ta' Marzu 2004).

Illi dwar l-ewwel aggravju dan ma hemmx dubju li huwa fuq apprezzament tal-provi u dwar il-pretensjonijiet attrici jirrizulta li mis-sentenza appellata jidher li l-Ewwel Qorti qaghdet l-iktar fuq dak li xehed il-Perit Saviour Micallef kemm fuq il-kontijiet li hargu minnu, u wkoll fuq ix-xoghol li sar mill-atturi, li l-istess perit kien ghamel ukoll supervizjoni tieghu u mill-istess xhieda johrog li l-kontijiet hargu fuq xoghol li sar mill-atturi u fil-fatt ikkonferma tali kontijiet u sostna li dan l-ammont ma kienx jinkludi VAT, li ovvjament l-atturi zieduh mal-kont taghhom; l-unika haga li ma qabilx dwarha l-istess Perit kien dwar l-ammont fuq imsemmi ta' Lm240, ghaliex dan naqqsu ghal Lm120 peress li sostna li tali xoghol ma jigix ikkalkulat bil-gurnata

izda u allura l-ammont li huwa dovut, wara li jitnaqqsu l-pagamenti li saru mill-konvenuti huwa dak ta' Lm1,513.77 ossija €3,526.14 u din il-Qorti thoss li fuq l-istat tal-provi kif inhuma, u la darba din hija x-xhieda tal-Perit li gie inkarigat mill-konvenuti stess, din il-Qorti thoss li abbazi tal-provi prodotti kollha li l-Ewwel Qorti kellha quddiemha, hija ghamlet apprezzament tal-provi sew u setghet waslet sabiex tezercita d-diskrezzjoni taghha kif fil-fatt ghamlet ghall-konkluzjoni hemm raggunta, u dan ghaliex kienet fil-parametri ta' dak li kien hemm quddiema, specjalment ix-xhieda skjetta, cara u spontanea tal-imsemmi Perit Saviour MIcallef li hija mill-iktar kredibbli. F'dan ic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx, u lanqas ghandha fejn tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti u ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi michud ghaliex jirrizulta li l-kontijiet li hareg il-perit u l-ammonti l-ohra indikati fl-avviz jirriflettu x-xoghol li ghamlu l-atturi u din il-Qorti taqbel ukoll mal-bilanc kannonizzat fl-istess sentenza tal-Ewwel Qorti.

Illi dwar l-aggravju l-iehor li ma kellux jinghata imghax ghaliex l-imghax ma' kienx imsemmi fl-Avviz issir riferenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Constantino Abela vs George Azzopardi"** (A.C. – 7 ta' Ottubru 2005) fejn inghad li meta ma jissemmiex imghax fic-citazzjoni u l-Ewwel Qorti takkorda imghax dan ma jfissirx li tkun iddecidiet *extra petita* ghaliex skond l-**artikolu 1140 tal-Kap. 16** meta ma jittratax ta' obbligazzjoni ta' xorta kummercjali fejn l-imghax jibda jhaddi *ipso iure,* l-imghax ghandhu jibda jghaddi minn dak in-nhar li ssir sejha ghal hlas b'att gudizzjarju, u la darba l-att promotorju tal-kawza huwa att gudizzjarju ghall sejha tal-kapital, dan il-vot tal-ligi jfisser li gie sodisfatt u ghalhekk l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tan-notifika tal-att gudizzjarju kif indikat fl-istess sentenza u f'dan il-kaz id-data tan-notifika tal-Avviz attrici kienet dik tat-23 ta' Ottubru 2006. B'hekk dan l-appell qed jigi michud izda d-decizjoni fuq il-mertu qed tigi kkonfermata in toto b'dan izda li l-imghax fuq l-ammont kannonizzat ghandu jiddekorri mit-23 ta' Ottubru 2006 sal-effettiv pagament.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez ftit hemm wiehed xi jghid u la darba din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq il-mertu l-kap tal-ispejjez ghandu jibqa' kif deciz mill-Ewwel Qorti, hlief li l-ispejjez ta' dan l-appell ghandu jigu minhabba dak hawn deciz jigi sopportati interament mill-appellanti.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellati datata 28 ta' Frar 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost fil-mertu mill-appellanti fir-rikors taghhom datat 7 ta' Frar 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi "Philip Grima et vs Michael Borg et" b'dan li tikkonfermaha fil-mertuu b'hekk tilqa' t-talba attrici 'in parte' u tikkundanna lill-konvenuti/appellanti sabiex ihallsu lill-atturi/appellati s-somma ta' tlett elef hames mija u sitta u ghoxrin ewro u erbatax-il centezmu (€3,526.14) ekwivalwenti ghal elf hames mija u tlettax-il lira u sebgha u sebghin centezmu (Lm1,513.77), izda tvarjaha ghal dak li huwa l-imghax legali li ghandu jiddekorri kontra l-konvenuti appellanti mid-data tat-23 ta' Ottubru 2006 sal-effettiv pagament, bl-ispejjez tal-ewwel istanza kif decizi mill-istess decizjoni kwantu ghal parti minn sebgha (1/7) mill-atturi appellati u kwantu ghal sitt parti minn sebgha (6/7) mill-konvenuti appellanti.**

**Bl-ispejjez ta' dan l-appell a karigu tal-konvenuti appellanti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------